# Il-Ħadd 20.03.2022

1. It-Tnejn 21/03:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa fil-Knisja Parrokkjali għall-Ġenituri tat-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina din is-sena u din tkun dwar il-Qrar.

2. L-Erbgħa 23/03:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: It-Tielet laqgħa tal-**Eżerċizzi għal Kulħadd** fil-knisja parrokkjali. ***Tixxandar ukoll permezz tal-live streaming fuq il-facebookpage tal-parroċċa.***

3. Il-Ġimgħa 25/03**, Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej – L-Annunzjata.**

4. Il-Ħadd 27/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan.**

5. It-Tnejn 28/03:
   - Fil-4:45pm - L-Ewwel Qrara fil-knisja parrokkjali.

6. Avviżi oħra:
   - **B'rabta maż-Żjara tal-Papa**,
     speċjalment għal dawk li bbukkjaw post bilqiegħda
     għall-quddiesa ta' fuq il-Fosos tal-Furjana tal-Ħadd 3/04 fl-10:15am:
     - **Bħala Parroċċa ser norganizzaw it-trasport għall-Furjana u lura.**
       **Tluq fid-8:45am minn quddiem il-Knisja.**
       Min hu interessat jinkiteb fis-sagristija.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 250 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda b'risq is-Seminarju;
   - € 285 minn ħarġa li kellna;
   - € 292 mil-lotterija b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr;
   - €  85 bħala donazzjoni b'risq l-istess għan.
   - €  60 (b'kollox € 760) bħala donazzjonijiet b'risq il-poplu tal-Ukrajna.  Grazzi.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points.**  Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.